10/Jan 2020

**L-inċident relatat maċ-ċilindru tal-gass – stqarrija mingħand Liquigas Malta**

"Wara inċident li jinvolvi ċilindru tal-gass LPG tal-Liquigas, li seħħ fil-għaxija tal-Ħamis 9 ta' Jannar barra residenza f'Ħ'Attard, Liquigas Malta qed twettaq il-valutazzjoni teknika meħtieġa biex tinvestiga l-kawża u ċ-ċirkostanzi relatati. Dawn se jkunu mgħarrfa lill-pubbliku ladarba jiġu evalwati l-fatti rilevanti kollha.

Il-Kumpanija qed tikkollabora bis-sħiħ mal-inkjesta maġisterjali kif ukoll mal-esperti maħtura mill- qorti, u għandha l-appoġġ tas-sieħeb internazzjonali tagħha Liquigas Italy."